KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Erbgħa u Erbgħin (44)***

***It-Tlieta, 15 ta' Frar, 2022***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
IL-VICI SINDKU CHRISTINE DALLI
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa. Il-Laqgħa bdiet fis-5.45pm

**44.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

44.1.1 Tressqet ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier Andreas Gatt, fejn talab li jkun skużat minħabba esiġenzi familjari. Il-Kunsill approva l-ittra ta' apoloġija.

**44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

44.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 43 li nżammet nhar it-Tlieta, 18 ta' Jannar, 2022.

44.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 43 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

44.2.3 **Mozzjoni 44-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 43.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 43 ġew approvati unanimament.

**44.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 44 (08) – Frar 2022***

44.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 44(08) permezz cheque numru 7187 (ref. 10256) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10245 sa 10275 li jammontaw €21,807.06

44.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll pagament tar-ritratti u videos li ttieħdu fil-Karnival tal-2020. Din l-invoice waslet din il-ġimgħa u tammonta għal €472.

44.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet ukoll dwar il-Group Life Policy li l-Kunsill għandu mal-AKL fejn ġejna nfurmati li l-ammont tal-Policy minn €340 issa żdiet għal €742.50. Għaldaqstant qed jitolbu jekk il-Kunsill hux se jħallas id-differenza ta' €402.50. Il-Kunsill approva li jħallas dan l-ammont addizzjonali.

44.3.4 **Mozzjoni 44-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 44(08) bl-ammont ta' €21,807.06 u magħhom jiżdiedu l-ammonti imsemmija f'materja 44.3.2 u 44.3.3

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 44(08) ġiet approvata unanimament.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Accountant tal-Kunsill*

*F'dan l-istadju ukoll attenda l-Kunsillier Keith Fenech (18:35)*

## 44.4 Approvazzjoni tar-Rapport tar-Raba' Kwart tas-sena 2021

44.4.1 L-accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-kontenut tar-Rapport tar-Raba' Kwart tas-sena 2021.

44.4.2 **Mozzjoni 44-03**: Is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tar-Raba' Kwart tas-sena 2021.

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Ir-Rapport tar-Raba' Kwart tas-sena 2021 ġie approvat unanimament.

## 44.5 Approvazzjoni tal-*Budget* tas-sena 2022

44.5.1 L-accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-kontenut tal-figuri li jidhru fil-Budget għas-sena 2022.

44.5.2 Wara diskussjoni qasira, is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Budget għas-sena 2022

**Mozzjoni 44-04 :** Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

## 44.6 Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements 2021*

44.6.1 L-accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-kontenut tal-figuri li jidhru fl-Unaudited Financial Statements għas-sena 2022

44.6.2 Wara diskussjoni qasira, is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2021.

**Mozzjoni 44-05** : Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: il-Vici Sindku Christine Dalli

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**44.7 <u>Proġett Pjazza</u>**

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attendiet waħda mis-sidien li qed jiżviluppaw Binja fil-Pjazza, is-Sinjura Spiteri Sacco minn RS Group.*

44.7.1 Is-Sinjura Spiteri Sacco iltaqgħet mal-Kunsill biex tressaq proposta dwar possibilita' li l-kumpanija tiffinanzja l-proġett tal-Pjazza. Il-Kumpanija qed titlob li tingħata permess sabiex jitpoġġew imwejjed fil-Pjazza matul is-sena kollha li dawn jistgħu jiġu imneħħija kull meta jkun hemm xi attivita'.

44.7.2 Il-Kunsill raha il-proposta' u l-pjanti kollha u talab li l-Kumpanija flimkien mal-Kunsill tiltaqa' mal-Għaqdiet Lokali biex huma kollha jkunu nvoluti fil-konsultazzjoni ta' din il-proposta'.

44.7.3 Għaldaqstant wara din id-diskussjoni, il-Kunsill qabel li se jiltaqa' mal-Għaqdiet u wara tkompli tiġi diskussa din il-proposta.

**44.8 <u>Korrispondenza</u>**

44.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li se tkun qed tiġi ntrodotta sistema ġdida ta' permessi biex jibdew isiru *online*. Għaldaqstant il-Kunsill se jkun qiegħed jiffirma kuntratt sabiex is-sistema tista' tibda' tiffunzjona mill-1 ta' Marzu 2022.

44.8.2 Tressqet korrispondenza rigward il-fond tal-aġġustament għal din is-sena. Minħabba li s-sena l-oħra il-Kunsill kien applika sabiex jagħmel fanali fl-isqaqin u dawn ma kinux saru, il-Kunsill qabel li jerġa' japplika għalihom din is-sena

44.8.3 Tressqet korrispondenza rigward ittra mingħand nutar dwar talba sabiex jinżammu l-filmati tal-*cameras* ta' Triq Dun Guzepp Demicoli. Il-Kunsill sostna li l-filmati għandhom jingħataw biss lill-pulizija meta jsir xi rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien hemm ħsara fil-modem tal-internet li ma konnix infurmati dwarha mil-LESA. Għaldaqstant il-CCTV cameras ma bdewx jiffunzjonaw. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tinforma lill-Kunsill li s'issa qatt ma nħarġet l-ebda ċitazzjoni u l-cameras qed ikollhom spiss ħsarat minħabba li l-apparat qiegħed fuq barra u diffiċli jiġi identifikat mill-ewwel meta jkun hemm ħsarat. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li minħabba li dawn il-cameras ġew bla użu, il-Kunsill se jkun qed jaqlahom, biex jintużaw x'imkien ieħor fejn hemm il-bżonn.

44.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-proġett tal-miżura 4.3 wasal biex jingħalaq. Infurmat ukoll li għadu kif sar *audit* dwaru mill-NAO, bħala parti mill-proċedura li jsiru fuq tenders ta' finanzjament ftit għoli. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill fadallu joħroġ 10% oħra bħala finanzjament ta' dan il-proġett biex ikun jista' jitħallas il-kuntrattur. Għaldaqstant dan l-ammont se jkun qiegħed jiġi mgħoddi fl-account tas-CBM li l-Kunsill għandu dwar dan il-proġett biex ikun jista' jsir il-ħlas li fadal.

**44.9 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

44.9.1 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li ma jistax jattendi għal-Laqgħa tar-Reġjun għaldaqstant talab biex jekk tista' tattendi il-Vici-Sindku. Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li se tattendi minflok is-Sindku, f'każ li ma tkunx tista' se jattendi l-Kunsillier Keith Fenech.

44.9.2 Rigward it-Tender tal-Perit, is-Sindku qal li hemm bżonn tittieħed deċiżjoni rigward jekk l-offerta għandix tingħata lill-orħos offerent li huwa compliant. Il-Kunsill qabel li ssir l-evalwazzjoni u jiġi rakomandat li tingħata lill-irħas offerent minħabba li huwa technically and financially compliant. Ir-Rapport tal-Evalwazzjoni jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

44.9.3 Is-Sindku Darren Abela informa ukoll li t-tender tal-Perit li kien qed jaħdem fuq il-proġett tal-campsite u li kien qed jitħallas mir-Reġjun Konsultattiv tan-Nofsinhar ta' Malta, skada u għaldaqstant se jkun qed jinbidel. Is-Sindku qal li se jkun qed jiltaqa' magħhom dwar kif se jitkompla l-proġett.

44.9.4 Is-Sindku Darren Abela qal li wara li mar fuq il-post fi Sqaq Atanasio raha illi jekk issir il-bankina fuq iż-żewġ naħat, karozza ma tkunx tista tgħaddi, għaldaqstant il-Kunsill ma qabilx li ssir bankina.

44.9.5 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-Laqgħa li kellna mal-ERA rigward il-bring-in-sites. Is-Sindku Darren Abela qal li hu baqa' jsostni li l-Kunsill ma jaqbilx mal-prinċipju li jerġgħu jitpoġġew l-iskips, iżda talab dwar il-bżonn li tiżdied ġabra oħra tal-borża l-ħadra. Dwar din se jkunu qed jigwidawna biex inressqu it-talba tagħna. F'każ li din il-proposta tiġi aċċettata, l-Kunsill ikun jista' jikkunsidra li jsiru iżda li jkunu ssorveljati b'CCTV cameras jew moniteraġġ kontinwu.

44.9.6 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex wire tad-dawl li hemm fl-iSqaq ta' fejn hemm il-bitħa tal-każin li jinsab imdendel, jiġi mgħoddi mill-ġnub tal-isqaq. Minħabba li ma kienx hemm informazzjoni biżżejjed, din il-materja se tiġi diskussa l-laqgħa li jmiss, fejn anki min jista' forsi jmur jara ftit fuq il-post.

44.9.7 Is-Sindku Darren Abela qal li ġab kwotazzjonijiet, sabiex isir il-patching fejn hemm bżonn. Il-Kunsill qabel li għalissa jmexxi bl-irħas kwotazzjoni u jsir sa' massimu ta' €5,000 inkluż il-VAT.

44.9.8 Is-Sindku Darren Abela informa lil Kunsill li se jinġiebu kwotazzjonijiet sabiex jinbidel l-*Aircondition* tal-kamra li fiha qed isiru l-laqgħat. Il-Kunsill qabel.

**44.10 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

44.10.1 Il-Kunsilliera Rose Agius infurmat lill-Kunsill li attendiet żewġ laqgħat, waħda rigward il-proġett li hu pjanat li jsir fis-sistema tal-immaniġjar tal-iskart u ġbir fuq bażi reġjonali filwaqt li l-laqgħa l-oħra kienet sabiex il-Kunsill jiltaqa' mal-ħaddiema maniġerjali ġodda li bdew jaħdmu mar-Reġjun fuq oqsma differenti. Hija tat spjegazzjoni tal-kontenut li ntqal waqt il-laqgħa.

44.10.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li qed titkellem mat-Transport Malta biex ikomplu jinżraw iktar siġar taż-Żebbuġ fosthom fejn l-iskola.

**44.11 Mozzjonijiet**

44.11.1 Annessi mal-Minuti

**44.12 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

44.12.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 15 ta' Marzu 2022 fil-5.30pm

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar<br>Segretarju Eżekuttiv | ikkonfermati<br>Darren Abela<br>Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 44**

**Mozzjoni Ref:** 44-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 43

**Rose Agius**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

**Data:** 15 ta’ Frar 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 44**

**Mozzjoni Ref:** 44-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 44/08

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 15 ta' Frar 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 44**

**Mozzjoni Ref: 44-03**

Biex jiġi approvat ir-Rapport tar-Raba' Kwart tas-Sena 2021

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

**Data:** 15 ta' Frar 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 44**

**Mozzjoni Ref: 44-04**

Biex jiġi approvat il-Budget għas-sena 2022

**Keith Fenech**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

---

**Data:** 15 ta' Frar 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 44**

**Mozzjoni Ref: 44-05**

Biex jiġu approvati l-Unaudited Financial Statements 2021

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 15 ta' Frar 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**